MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Talba Numru. 20/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Willem de Jonge Berena**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmju (Lm624.83) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21559856 (C/N 1020956), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru hamsa u tletin (35) Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenut fit-tnejn (2) ta’ Ottubru 2002, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-riferta posittiba imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fil-25 ta’ Frar 2003 izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fl-14 ta’ Marzu 2003, fl-20 ta’ Marzu 2003 u dik tal-lum;

Sema d-deposizzjoni guramentata ta’ rapprezentant tas-socjeta’ attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13 (b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM624.83 bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assistiet lis-socjeta’ attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Ottubru 2002 a kariku tal-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------